# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-11-il laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet l-Erbgħa 19 ta' Frar 2025 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**11.01 Talba**

11.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**11.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

11.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**11.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 10**

11.03.01 Is-Sindku infurmat li l-Minuti ma laħqux ġew ċirkulati, fejn is-SE kompliet li għal raġuni ta' sptar li ma kellhix kontroll fuqha, u għaldaqstant se jitpoġġew għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-laqgħa li jmiss.

**11.04 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Budget għas-Sena 2025**

11.04.01 Is-Sindku infurmat li għal din il-laqgħa kienet mistiedna l-*Accountant* tal-Kunsill, però ma setatx tkun preżenti u fin-nuqqas tagħha ingħaqdet magħna l-*Accounting and Payroll Executive* mill-uffiċċju tagħha, Ms Sera Dalli.

11.04.02 Is-Sindku għamlet referenza għal dak li l-Kunsill diġà kkommetta għalih u għal dak li ser jikkommetti sabiex jiġu nklużi wkoll fil-*Budget* ippreparat, fosthom l-Attività Kulturali; l-Attività tal-Milied; il-*Clean Up Campaign*; ir-Restawr tal-Isptar il-Qadim inkluż il-*variations* għall-għamara tal-uffiċċju, il-*membrane*, it-travi u l-ġardina; il-Proġett tal-Ġnien Onġi Onġella; il-Latrina Pubblika ta' Ġnien Tfal ir-Raħal mibdula fi *store,* kif ukoll is-Salarji skond il-*Collective Agreement* il-ġdid għall-Ħaddiema Klerikali li ġie ffirmat f'Jannar 2025.

11.04.03 Is-Sindku rreferiet ukoll għal xi figuri fl-istess *budget*, li hemm bżonn li jitranġaw bħal dawk dwar *Street Lighting, Insurance*, *Bulky Refuse*, *Refuse Collection*, u *Road and Street Cleaning*. Hija talbet ukoll li Ms Dalli biex tagħtiha spjega dwar minn xhix huma magħmulin uħud mill-figuri li jaqgħu taħt voti bħal *Other Contractual Services*, u *Information Services*.

11.04.04 Ms Dalli wieġbet għal dak kollu li ġiet mistoqsija, filwaqt li infurmat li l-*Budget* għadu mhux iffinalizzat. Is-SE kompliet billi skużat ruħha dwar it-titlu tar-raba' *item* fuq l-Aġenda ta' din il-laqa', fejn tniżżlet ukoll 'l-approvazzjoni' ta' dan il-*Budget*, li ma kienx il-każ, għaliex dan kellu jiġi biss diskuss. Is-Sindku kompliet billi ssuġġeriet li għal *budget* ieħor, filwaqt li huwa tajjeb li jinħadem fuq is-sena ta' qabel, huwa importanti aktar li jittieħdu in konsiderazzjoni l-*actuals*. Hija żiedet li ma jimpurtax jekk il-*budget* jiġi bid-*deficit*, għaliex dak ikun ifisser li l-Kunsill m'għandux allokazzjoni biżżejjed biex jaħdem.

**11.05 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji tat-Tielet u tar-Raba' Kwart**

11.05.01 Is-Sindku infurmat li fl-opinjoni tagħha, ladarba t-Tielet Kwart jindika sa Settembru u r-Raba' Kwart jindika sa Diċembru, jaqbel li jiġu diskussi mill-ewwel il-*Financial Statments* li fihom hemm miġbura s-sena kollha. Ms Dalli u l-Kunsillieri preżenti qablu u għaldaqstant imxew għal *item* 11.06 fuq l-Aġenda.

**11.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements* għas-Sena 2024**

11.06.01 Is-Sindku talbet spjega mingħand Ms Dalli dwar xi varjanzi fl-ispejjeż li żdiedu ftit aktar mis-sena 2023 għas-sena 2024, fosthom madwar EUR 10,000 iktar fir-rigward ta' *Refuse Collection & Waste Disposal* u madwar EUR 7,000 iktar fir-rigward ta' *LES Fees*. Ms Dalli tat l-ispjega tagħha rispettivament.

11.06.02 Is-Sindku staqsiet ukoll dwar it-EUR 18, 000 f'*Other Income* fejn Ms Dalli spjegat li dik ġejja minn bilanċi antiki li baqgħu jidhru sena wara oħra minn meta kienet intilfet ċertu data mis-*SAGE*, u l-Kunsill kien qabel li jiġu *written off*.

11.06.03 Is-Sindku talbet spjega wkoll rigward id-differenza fir-*Road and Street Pavements* u fir-*Road Markings*, kif ukoll id-differenza fil-*Councillors' Allowances* filwaqt li żiedet tgħid li rigward is-Salarji tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati, kien hemm żieda minħabba li minflok id-DSE li kien imħallas bis-siegħat, ġiet inħatret *full-time* is-SE u wkoll ġiet ingaġġata *full time Assistant Principal*. Ms Dalli tat l-ispjega tagħha dwar dawn ukoll.

11.06.04 Ms Dalli spiċċat billi qalet li minkejja li l-Kunsill jidher li qiegħed *b'deficit*, minħabba r-*write offs* imsemmija, il-Kunsill jinsab finanzjarjament tajjeb.

***Il-Kunsillier Sciberras telaq mil-laqgħa fis-6:30pm.***

11.06.05 Il-Kunsillieri preżenti approvaw b'mod unanimu it-Tielet u r-Raba' Kwart flimkien mal-*Unaudited Financial Statements* għas-Sena 2024.

**11.07 Aġġornament Restawr tal-Isptar il-Qadim;**

11.07.01 Is-Sindku semmiet il-pjanti li bagħtilna l-Perit dwar il-proposta ta' kif jistgħu jiġu mqassma l-uffiċini fl-Isptar il-Qadim. Il-proposti tal-perit intgħoġbu mill-Kunsillieri filwaqt li qablu mad-diżinn fejn jidher li fejn hemm is-sala l-kbira, l-iskrivaniji jiġu n-naħa ta' fejn il-bieb biswit il-garigor tal-kantina u mhux kontra. Ġew diskussi wkoll il-kċina u l-*bathroom*, li eventwalment se jibqgħu fl-istess post fejn kienu qabel ma beda r-restawar. U rigward il-kamra ta' fuq, il-perit issuġġerixxa li din tkun kamra għall-arkivji għaliex ma tistax tkun

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


uffiċċju minħabba aċċessibilità. Is-Sindku infurmat ukoll li se nitolbu *BOQ* lill-perit dwar it-tagħmir sabiex inkunu nistgħu napplikaw għall-fondi minn skema li għandha toħroġ. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

11.07.02 Rigward il-*membrane* tal-bjut, il-Kunsill ġabar 3 stimi – *Agius Stoneworks* EUR 14,750.00 – *AXD Co Ltd* EUR 13,664.00 *(Option A – Full Works)* /EUR 7,740.00 *(Option B)* – *Eleven22 Co Ltd*. EUR 14,584.00. Il-Kunsillieri qablu li għandna mmexxu fuq l-irħas mill-ogħla u *cioè* fuq ta' *AXD Co Ltd* EUR 13,664.00.

11.07.03 Is-Sindku kompliet li meta ġew tal-*SCH* qablu dwar it-tpoġġiha ta' *plastic* taħt iċ-ċangatura fis-sala kbira biex taqta' l-umdità. Hija kompliet li l-istima li tana l-kuntrattur *AXD Co Ltd*, tammonta għal EUR 410.00.

11.07.04 Rigward it-testijiet u l-manutenzjoni tat-travi, is-Sindku infurmat li l-istima li tana l-kuntrattur *AXD Co Ltd* tammonta għal EUR 4,230.00, filwaqt li l-istima għall-manutenzjoni tax-xorok li tana l-istess *AXD Co Ltd*. hija ta' EUR 2,376.00. Is-Sindku kompliet li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jwettaq dawn ix-xogħlijiet, ser titlob lill-Perit sabiex jikkonferma dwar it-tali prezzijiet.

11.07.05 Rigward il-fili, is-Sindku qalet li skont l-*SCH*, il-fili hemm bżonn li jinfetħu biex ma tkomplix issir ħsara lill-ġebla u minflok jimtlew bil-*hydraulic lime*, fejn l-istima li tana *AXD Co Ltd*. tammonta għal EUR 7,254.00.

11.07.06 Il-Kunsillieri ddiskutew dan kollu, fejn is-Sindku qalet li bejn *membrane*, *plastic*, travi, xorok u fili, il-*variation* titla' għal madwar EUR 28,000.00. Hija kompliet li min-naħa tagħha se tagħmel l-almu kollu biex dawn il-fondi nippruvaw inġibuhom mill-iskema l-kbira li se toħroġ. Kien hemm qbil li nitkellmu mal-perit biex jikkonfermalna dwar l-imsemmija stimi għax-xogħolijiet meħtieġa fuq ġewwa filwaqt li nitlobu għal aktar stimi.

**11.08 Skemi ta' Finanzjament 2025 (SPI.SCI.02.2025 /SPI.SCI.03.2025 'SPI.SCI.04.2025)**

11.08.01 Is-Sindku semmiet li s'issa ħarġu l-ewwel tlett skemi ta' finanzjament għas-sena 2025, fosthom SPI.SCI.03.2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025 li nistgħu napplikaw għaliha b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Punent fejn is-somma massima li nistgħu nibbenefikaw minnha hija dik ta' EUR 1,500.00. Hija kompliet li jekk hemm qbil, li napplikaw, tajjeb li naħsbu ftit fejn l-aħjar li għandna nnaddfu sabiex inkunu nistgħu nitolbu għall-istimi. Fl-opinjoni tagħha għandna nnaddfu Triq tas-Sejba u Triq tal-Isqof. Il-Kunsillieri qablu b'mod unanimu li għandna napplikaw b'kollaborazzjoni mar-Reġjun għal din l-iskema finanzjarja. Ġie approvat ukoll illi l-Kunsill lest li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li mhux ser ikunu koperti mill-iskema.

11.08.02 Is-Sindku infurmat ukoll li fil-perjodu tal-Għid, ser tittella' l-attività *World Book Day*, fejn għaliha nibbenefikaw madwar EUR 500.00 mir-Reġjun. Il-Kunsillieri qablu dwar dan.

11.08.03 Rigward attivitajiet f'Ottubru 2025, is-Sindku ssuġġeriet li minflok l-attività kulturali 'Stilelt Taħt il-Kampnar', li tkun għadha kemm seħħet f'Mejju 2025, tittella' Serata Mużika Letterarja, permezz ta' fondi mir-Reġjun Punent, fejn din tkun tista' tiġi amalgamata mal-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba fosthom anke mal-Attività Sportiva li tajjeb li nagħtuha iktar *boost* mis-snin preċedenti. Il-Kunsillieri qablu dwar dan.

11.08.04 Is-Sindku tkellmet dwar l-iskema SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025, u tissuġġerixxi li għandha tinbena attività fuq 'Il-Mixgħela tal-Pjazza', fejn tingħata iktar importanza rigward il-palk u l-kantanti filwaqt li nżommu d-dawra bit-trejn, l-*istalls* tal-kafè u l-ħelu tradizzjonali permezz tal-involviment tal-każini tal-banda. Il-massimu li nistgħu nibbenefikaw minn din l-iskema huwa dak ta' EUR 15,000. Il-Kunsillieri qablu b'mod unanimu li għandna napplikaw għal din l-iskema finanzjarja. Ġie approvat ukoll illi l-Kunsill lest li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li mhux ser ikunu koperti mill-iskema.

11.08.05 Is-Sindku tkellmet dwar skema li se toħroġ rigward il-Karnival, fejn il-Kunsill ikun jista' jtella' attività tal-Karnival fi Frar 2026.

11.08.06 Is-Sindku semmiet ukoll l-iskema SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026. Hija ssuġġeriet li jekk hemm qbil, napplikaw u l-attività 'Stilel Taħt il-Kampnar' (it-tielet edizzjoni), issir f'Mejju 2026. Il-massimu li nistgħu nibbenenfikaw minn din l-iskema huwa EUR 20,000. Il-Kunsillieri qablu b'mod unanimu li għandna napplikaw għal din l-iskema finanzjarja. Ġie approvat ukoll illi l-Kunsill lest li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li mhux ser ikunu koperti mill-iskema.

11.08.07 Is-Sindku għalqet billi qalet li jekk naħdmu kif diskuss f'dawn il-punti msemmija, għandna kalendarju ta' attivitajiet ippjanat għas-sena 2025 sa Mejju 2026. Hija talbet lill-Kunsillieri sabiex l-ideat li jkollhom, iressquhom mill-aktar fis sabiex ikollna ċans naħdmu fuq l-istimi biex inkunu nistgħu nissottomettu l-appikazzjonijiet għall-imsemmija fondi.

**11.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

11.09.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:10 pm.

Konfermati illum it-Tlieta 11 ta' Marzu 2025.

IFFIRMATI

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

IFFIRMATI

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**